

Linji Gwida dwar l-użu ta' mudelli interni

Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar l-EIOPA)¹ l-EIOPA qiegħda toħroġ Linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji u lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni dwar l-Użu ta' Mudelli Interni b'applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)², b'mod partikolari fl-Artikoli 112, 113, 115, 116, 120 sa 126 u 231 kif żviluppatti ulterjorment mit-Titolu I, Kapitolu VI u Titolu II, Kapitolu II tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni³. Dawn il-Linji Gwida jikkunsidraw ukoll l-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni tal-EIOPA dwar il-Proċessi ta' Approvazzjoni tal-Mudelli Interni u dwar il-Proċess sabiex Tintlaħaq Deċiżjoni Konġunta għall-Mudelli Interni tal-Gruppi⁴.
- 1.2. Il-Linji Gwida tal-EIOPA dwar l-użu ta' mudelli interni għandhom li għandhom li jipprovdu gwida dwar dak li l-awtoritajiet superviżorji u l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw sabiex jippermettu lill-awtoritajiet superviżorji japprovaw u jkomplu jippermettu l-użu ta' mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà u sabiex jippermettu lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tas-Solvibbiltà II kif speċifikat aktar fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.3. Il-Linji Gwida għandhom ukoll li għandhom li jżidu l-konverġenza tal-prattiki superviżorji fir-rigward tal-valutazzjoni tal-mudelli interni. Fil-każ tal-mudelli interni għall-gruppi, għandu jkun hemm livell xieraq ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji fil-kulleġġi, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet superviżorji involuti.
- 1.4. Il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt is-Solvibbiltà II.
- 1.5. Il-Linji Gwida kollha japplikaw, diment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor b'mod espliċitu, għall-użu ta':
 - Mudell intern, sħiħ jew parzjali, ippreżentat għad-deċiżjoni għall-użu jew użat attwalment għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.
 - Mudell intern għal grupp, sħiħ jew parzjali, kif definit hawn taħt, ippreżentat għad-deċiżjoni għall-użu jew użat attwalment għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà.
- 1.6. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

⁴ <https://eiopa.europa.eu/Pages/Supervision/Insurance/draft-implementing-technical-standards-on-the-supervisory-approval-processes-for-solvency-ii.aspx>

1.7. Għall-fini tal-Linji Gwida japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- “*Mudell(i) intern(i) għal grupp (jew għal gruppi)*” għandha tinftiehem kemm bħala mudell intern li jiġi applikat sabiex jintuża biss għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà tal-grupp ikkonsolidat (taħt l-Artikolu 230 tas-Solvibbiltà II) kif ukoll bħala mudell intern li jiġi applikat sabiex jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà tal-grupp ikkonsolidat kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà ta’ mill-inqas impriża tal-assigurazzjoni waħda relatata inkluża fl-ambitu ta’ dan il-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà tal-grupp ikkonsolidat (magħruf bħala mudell intern tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II fil-Linji Gwida).
- Il-kunċett ta’ “*rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà*” huwa ddeterminat l-aktar f’żewġ dimensjonijiet: il-firxa ta’ għarfien tal-impriża dwar il-profil tar-riskju kif rifless fis-sett ta’ avvenimenti sottostanti għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-kapaċità tal-metodu ta’ kalkolu magħżul sabiex jibdel din l-informazzjoni f’distribuzzjoni ta’ valuri fi flus relatati mal-bidliet fil-fondi proprji bażiċi. Il-kunċett ta’ rikkezza mgħandux ikun ridott għall-granularità tar-rappreżentazzjoni tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà peress li anki previżjoni fil-forma ta’ funzjoni kontinwa tista’ tkun ta’ rikkezza baxxa.
- Il-“*kejl tar-riskju ta’ referenza*” għandha tinftiehem bħala l-Valur fir-Riskju tal-fondi proprji bażiċi soġġett għal livell ta’ fiduċja ta’ 99.5% fuq perjodu ta’ sena kif stipulat fl-Artikolu 101(3) tas-Solvibbiltà II.
- “*Formuli analitiċi magħluqa*” għandha tinftiehem bħala formuli matematiċi diretti li jorbtu l-kejl tar-riskju magħżul mill-impriża ma’ dak ta’ referenza kif definit hawn fuq.
- “*t=0*” għandha tinftiehem bħala d-data li tagħha l-komputazzjoni tar-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà ssir mill-impriża skont il-mudell intern tagħha.
- “*t=1*” għandha tinftiehem bħala sena wara d-data li tagħha l-komputazzjoni tar-Rekwiżit Kapitali ta’ Solvibbiltà ssir mill-impriża skont il-mudell intern tagħha.

Kapitolu 1: Applikazzjoni

Linja gwida 1 – Il-preapplikazzjoni

1.8. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw li jstabbilixxu proċess ta' preapplikazzjoni sabiex jiffurmaw fehma dwar kemm hija ppreparata impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex tissottometti applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà taħt is-Solvibbiltà II u biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-mudelli interni stipulati fis-Solvibbiltà II.

Linja gwida 2 – L-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata f'applikazzjoni għall-użu ta' mudelli interni tal-gruppi taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

1.9. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, l-applikant għandu jinkludi għal kull impriża relatata li tapplika sabiex tuża l-mudell intern tal-grupp għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 2 tal-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni tal-EIOPA dwar il-Proċessi ta' Approvazzjoni tal-Mudelli Interni li hija speċifika għal din l-impriża relatata, diment li din l-informazzjoni mhijiex diġà koperta fid-dokumenti ppreżentati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti.

1.10. L-applikant għandu jispjega wkoll, għal kull impriża relatata inkluża fl-applikazzjoni għall-użu tal-mudell intern tal-grupp għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha, sa liema punt l-iżvilupp, l-implimentazzjoni jew il-validazzjoni tal-komponenti tal-mudell intern tal-grupp li huma meħtieġa għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-impriża relatata, huma mwettqa minn impriża relatata oħra fi ħdan il-grupp.

Linja gwida 3 – Talba għal aktar informazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudelli interni għall-gruppi

1.11. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għal grupp, l-ewwel għandha ssir talba lis-superviżur tal-grupp għal aktar informazzjoni mingħand impriża relatata mill-awtoritajiet superviżorji involuti kif definit fl-Artikolu 343(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni li jissorveljaw lil din l-impriża. Is-superviżur tal-grupp imbagħad għandu jressaq it-talba lill-impriża relatata, jew jippreżenta lill-awtorità superviżorja involuta li talbet l-informazzjoni bid-dokumenti rilevanti jekk dawn ikunu diġà ġew ippreżentati lis-superviżur tal-grupp.

1.12. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern ta' grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata kif definita fl-Artikolu 347(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, għandha tkun tista' titlob direttament aktar informazzjoni mill-impriża relatata li hija tissorvelja sabiex tivvaluta l-konformità tal-mudell intern tal-grupp mar-rekwiżiti tal-mudelli interni fir-rigward tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' din l-impriża relatata. F'dan il-każ, din l-awtorità superviżorja kkonċernata għandha tinforma minnufih lis-superviżur tal-grupp dwar din it-talba għall-informazzjoni.

Linja gwida 4 – Il-ħsieb li l-ambitu ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudelli interni għall-gruppi jiġi estiż

- 1.13. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għal grupp, bħala parti mill-ġustifikazzjoni tal-ambitu tal-mudell intern deskritt fl-Artikoli 343(5) jew 347(6) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-applikant għandu jiddeskrivi fl-applikazzjoni l-ħsieb, jekk ikun il-każ, li jestendi l-ambitu tal-mudell intern fil-futur sabiex jinkludi, għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp, xi waħda mill-impriżi relatati fl-ambitu tas-sorveljanza tal-grupp iżda li mhijiex inkluża skont l-applikazzjoni attwali fl-ambitu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp.
- 1.14. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għal grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, bħala parti mill-ġustifikazzjoni tal-ambitu tal-mudell intern, l-applikant għandu jiddeskrivi wkoll il-ħsieb, jekk ikun il-każ, li jestendi l-ambitu tal-mudell intern fil-futur sabiex jinkludi l-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' xi impriża relatata li mhijiex inkluża fl-ambitu tal-applikazzjoni attwali għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha bil-mudell intern tal-grupp.

Linja gwida 5 – Speċifikazzjonijiet tekniċi fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudelli interni tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.15. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, l-applikant għandu jiddikjara b'mod espliċitu fl-applikazzjoni sa liema punt l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mudell intern tal-grupp jistgħu jvarjaw meta l-mudell intern jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp u għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' kwalunkwe impriża relatata, inklużi:
- a) it-trattament ta' tranżazzjonijiet intragrupp għall-kalkolu kemm tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-impriżi relatati u fejn japplika tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp;
 - b) il-lista ta' parametri fil-mudell intern li jistgħu jkunu stabbiliti b'mod differenti għal kalkoli differenti magħmula bil-mudell intern tal-grupp, għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp u l-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali ta' Solvibbiltà individwali; u
 - c) id-deskrizzjoni tar-riskji speċifiċi tal-grupp rilevanti biss fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp.

Kapitolu 2: Bidliet fil-mudell

Linja gwida 6 – L-ambitu tal-politika għall-bidliet fil-mudell

- 1.16. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tistabbilixxi l-politika għat-tibdil tal-mudell, għandha tiżgura li din il-politika tkopri s-sorsi rilevanti kollha ta' tibdil li jaffettwaw lir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha u mill-inqas il-bidliet:
- a) fis-sistema ta' governanza tal-impriża;
 - b) fil-konformità tal-impriża mar-rekwiżiti għall-użu tal-mudell intern;
 - c) fl-adeqwatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mudell intern tal-impriża; u
 - d) fil-profil tar-riskju tal-impriża.
- 1.17. L-impriża għandha tiżgura wkoll li l-politika għat-tibdil tal-mudell:
- a) tispeċifika meta bidla fil-mudell intern għandha tkun ikkunsidrata bħala kbira jew żgħira u meta kombinazzjoni ta' bidliet żgħar għandhom jitqiesu bħala bidla kbira.
 - b) tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' governanza b'rabta ma' bidliet fil-mudell intern, inkluża l-approvazzjoni interna, il-komunikazzjoni interna, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-bidliet.
- 1.18. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mgħandhiex tkopri l-inklużjoni ta' elementi ġodda, bħall-inklużjoni ta' riskji addizzjonali jew unitajiet tan-negozju, bħala parti mill-bidliet fil-mudell intern skont il-politika għat-tibdil tal-mudell intern. L-inklużjoni ta' elementi ġodda fil-mudell intern għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni superviżorja wara l-proċedura deskritta fl-Artikolu 7 tal-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni dwar il-Proċessi ta' Approvazzjoni għall-Mudelli Interni.
- 1.19. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-aġġornament tal-parametri tal-mudell intern bħala sors potenzjali ta' bidliet fil-mudell intern.

Linja gwida 7 – Id-definizzjoni ta' bidla kbira

- 1.20. Waqt li l-impatt kwantitattiv ta' bidla fil-mudell fuq ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà jew fuq komponenti individwali tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà jista' jkun wieħed mill-indikaturi li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddeċiedi li tuża sabiex tidentifika bidliet kbar, l-impriża għandha tiżviluppa u tuża għadd ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi ewlenin oħra sabiex tiddefinixxi bidla kbira.

Linja gwida 8 – Ir-rapport ta' bidliet żgħar u kbar bħala kombinazzjoni ta' bidliet żgħar

- 1.21. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tirrapporta bidliet żgħar fil-mudell intern lill-awtoritajiet superviżorji kull tliet xhur jew aktar spiss fejn ikun xieraq. Bidliet żgħar fil-mudell intern għandhom ikunu kkomunikati

f'rapport qasir li għandu jiddeskrivi kemm l-impatti kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi tal-bidliet u l-effetti kwantitattivi u kwalitattivi approssimattivi u l-effetti kwantitattivi u kwalitattivi kumulattivi tal-bidliet fuq il-mudell intern approvat.

- 1.22. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tuża l-aħħar mudell intern approvat mill-awtoritajiet superviżorju bħala r-referenza għall-ewalwazzjoni ta' jekk kombinazzjoni ta' bidliet żgħar hijiex ikkunsidrata bħala bidla kbira, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-awtoritajiet superviżorji.

Linja gwida 9 – Politika għat-tibdil tal-mudell għall-mudelli interni tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.23. Fil-każ ta' mudell intern ta' grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, l-impriża parteċipi u l-impriżi relatati li japplikaw għall-użu ta' mudell intern tal-grupp sabiex jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom għandhom jiżviluppaw politika waħda għat-tibdil tal-mudell.
- 1.24. L-impriża parteċipi u l-impriżi relatati li japplikaw sabiex jużaw mudell intern tal-grupp sabiex jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom għandhom jiżguraw li l-politika għat-tibdil tal-mudell tinkludi speċifikazzjoni tal-bidliet kbar u żgħar fir-rigward tal-grupp, kif ukol ta' kull waħda mill-impriżi relatati inklużi fl-applikazzjoni sabiex jużaw mudell intern tal-grupp sabiex jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom.
- 1.25. -impriża parteċipi u l-impriżi relatati li japplikaw sabiex jużaw mudell intern tal-grupp sabiex jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom għandhom jiżguraw li kwalunkwe bidla li hija kbira għal impriża relatata inkluża fl-applikazzjoni tiġi kklassifikata bħala bidla kbira fil-politika.

Linja gwida 10 – Estensjoni tal-użu u estensjoni tal-ambitu ta' mudelli interni tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.26. L-estensjonijiet li ġejjin tal-mudell intern tal-grupp għandhom ikunu ppreżentati mill-applikant lis-superviżur tal-grupp skont l-istess proċess għal bidla kbira fil-mudell intern kif stipulat fl-Artikolu 7 tal-Istandar Tekniku ta' Implimentazzjoni tal-EIOPA dwar il-Proċessi ta' Approvazzjoni tal-Mudelli Interni:
 - a) l-estensjoni għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' impriża relatata attwalment inkluża fl-ambitu tal-mudell intern tal-grupp għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp iżda li attwalment mhijiex qiegħda tuża l-mudell intern tal-grupp għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha;
 - b) l-estensjoni għall-kopertura ta' elementi ġodda fil-livell tal-grupp; u
 - c) l-estensjoni għall-kopertura ta' elementi ġodda fil-livell ta' impriża relatata li attwalment qiegħda tuża l-mudell intern tal-grupp għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha, inkluża l-estensjoni relatata ma' elementi diġà użati fil-livell tal-grupp jew ta' impriżi relatati oħrajn.

Kapitolu 3: Test tal-użu

Linja gwida 11 – Inċentiv biex tittejjeb il-kwalità tal-mudell intern

1.27. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-mudell intern jintuża fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tagħha u fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'mod li joħloq inċentivi biex tittejjeb il-kwalità tal-mudell intern innifsu.

Linja gwida 12 – It-test tal-użu u l-bidliet fil-mudell intern

1.28. Fil-proċess tat-titjib tal-kwalità tal-mudell intern, meta bidla kbira tkun ġiet approvata internament mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tkun kapaċi turi l-konformità mat-test tal-użu filwaqt li tqis:

- a) id-diversi komponenti tat-test tal-użu;
- b) l-użijiet differenti tas-sistema ta' governanza tagħhom.

1.29. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha timmonitorja u tkun kapaċi turi li kwalunkwe perjodu latenti bejn l-identifikar tal-ħtieġa li ssir bidla fil-mudell intern u l-implimentazzjoni effettiva tal-bidla huwa xieraq. Fil-każ ta' applikazzjoni għal bidla kbira waqt il-perjodu ta' approvazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-użu tal-mudell intern fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha huwa xieraq.

Linja gwida 13 – Il-fehim tal-mudell intern

1.30. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra approċċi differenti sabiex tiżgura l-fehim tal-mudell intern mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u mill-utenti rilevanti tal-mudell intern għal finijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

1.31. Bl-għan li jivvalutaw il-fehim tagħhom tal-mudell intern, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw li jintervistaw persuni mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u persuni li effettivament imexxu l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

1.32. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw ukoll jirrieżaminaw d-dokumentazzjoni tal-minuti tal-laqqgħat tal-bord jew tal-korpi adattati li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex jivvalutaw il-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mar-rekwiżiti tat-test tal-użu.

Linja gwida 14 – Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet

1.33. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tassigura u tkun kapaċi turi li l-mudell intern qed jiġi użat għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.34. B'mod partikolari, meta tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà nozzjonali għal fond delimitat, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkonforma mal-Artikolu 81 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u tispjega kif tiżgura

I-konsistenza bejn dawn l-outputs kif meħtieġ mill-Artikolu 223 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja gwida 15 – Speċifikitajiet tat-test tal-użu għal mudelli interni tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.35. L-impriża parteċipi u l-impriżi relatati li japplikaw sabiex jużaw mudell intern tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II sabiex jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li d-disinn tal-mudell intern huwa allinjat man-negożju tagħhom. Għandhom jipprovdu evidenza li l-governanza tal-mudell intern tipprevedi li:
- a) ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà individwali tagħhom huwa kkalkolat bil-frekwenza meħtieġa mill-Artikolu 102 tas-Solvibbiltà II u kull meta jkun meħtieġ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
 - b) jistgħu jipproponu bidliet fil-mudell intern tal-grupp, b'mod speċjali għal komponenti li huma materjali għalihom jew wara bidla fil-profil tar-riskju tagħhom u filwaqt li jikkunsidraw l-ambjent li fih qiegħda topera l-impriża;
 - c) l-impriżi relatati jifhmu b'mod adegwat il-mudell intern fil-partijiet tal-mudell intern li jkopru r-riskji ta' dik l-impriża.
- 1.36. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li japplikaw sabiex jużaw mudell intern tal-grupp sabiex jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħhom għandhom jiżguraw li d-disinn tal-mudell intern huwa allinjat man-negożju tagħhom u mas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom, inkluża l-produzzjoni ta' outputs, fil-livell tal-grupp u fil-livell tal-impriżi relatati, li huma granulari biżżejjed sabiex jippermettu lill-mudell intern tal-grupp jaqdi rwol suffiċjenti fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

Kapitolu 4: L-iffissar tas-suppożizzjonijiet u l-ġudizzju espert

Linja gwida 16 – Il-materjalità fl-iffissar tas-suppożizzjonijiet

- 1.37. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiffissa suppożizzjonijiet u tuża l-ġudizzju espert, u b'mod partikolari tqis il-materjalità tal-impatt tal-użu tas-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-linji gwida li ġejjin dwar l-iffissar tas-suppożizzjonijiet u l-ġudizzju espert.
- 1.38. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tivvaluta l-materjalità waqt li tikkunsidra kemm l-indikaturi kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi u tikkunsidra l-kundizzjonijiet ta' telf estrem. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tivvaluta b'mod globali l-indikaturi kkunsidrati.

Linja gwida 17 – Il-governanza tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

- 1.39. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-iffissar kollu tas-suppożizzjonijiet u l-użu tal-ġudizzju espert b'mod partikolari, jsegwi proċess invaldat u dokumentat.

- 1.40. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li s-suppożizzjonijiet huma derivati u użati b'mod konsistenti tul iż-żmien u fl-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kollha u li huma adattati għall-użu maħsub tagħhom.
- 1.41. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tapprova s-suppożizzjonijiet f'livelli ta' superjorità suffiċjenti skont il-materjalità tagħhom, għall-parti l-kbira tas-suppożizzjonijiet materjali sa u inkluż il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

Linja gwida 18 – Il-komunikazzjoni u l-inċertezza fl-iffissar tas-suppożizzjonijiet

- 1.42. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-proċessi li jirrigwardaw lis-suppożizzjonijiet, u b'mod partikolari l-użu tal-ġudizzju espert fl-għażla ta' dawk is-suppożizzjonijiet, jippruvaw b'mod speċifiku jnaqqsu r-riskju ta' nuqqas ta' fehim jew ta' komunikazzjoni bejn ir-woli differenti relatati ma' tali suppożizzjonijiet.
- 1.43. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabbilixxi proċess ta' feedback formali u dokumentat bejn il-fornituri u l-utenti tal-ġudizzju materjali tal-esperti u tas-suppożizzjonijiet li jirriżultaw.
- 1.44. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha turi biċ-ċar l-inċertezza tas-suppożizzjonijiet kif ukoll il-varjazzjoni assoċjata fir-riżultati finali.

Linja gwida 19 – Id-dokumentazzjoni tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

- 1.45. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddokumenta l-proċess ta' iffissar tas-suppożizzjonijiet u, b'mod partikolari, l-użu ta' ġudizzju espert, b'mod li l-proċess ikun trasparenti.
- 1.46. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tinkludi fid-dokumentazzjoni s-suppożizzjonijiet li jirriżultaw u l-materjalità tagħhom, l-esperti involuti, l-użu maħsub u l-perjodu ta' validità.
- 1.47. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tinkludi r-rationale tal-opinjoni, u tinkludi l-bażi ta' informazzjoni użata, bil-livell ta' dettall meħtieġ sabiex tagħmel trasparenti kemm is-suppożizzjonijiet kif ukoll il-proċess u l-kriterji għat-teħid tad-deċiżjonijiet użati biex għażlet is-suppożizzjonijiet u injorat alternattivi oħrajn.
- 1.48. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-utenti ta' suppożizzjonijiet materjali jirċievu informazzjoni ċara u komprensiva bil-miktub dwar dawn is-suppożizzjonijiet.

Linja gwida 20 – Il-validazzjoni tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

- 1.49. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-proċess għall-għażla tas-suppożizzjonijiet u għall-użu tal-ġudizzju espert huwa vvalidat.

- 1.50. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-proċess u l-għodda għall-validazzjoni tas-suppożizzjonijiet u b'mod partikolari l-użu tal-ġudizzju espert huma ddokumentati.
- 1.51. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tirrintraċċa l-bidliet tas-suppożizzjonijiet materjali b'rispons għal informazzjoni ġdida u tanalizza u tispjega dawk il-bidliet kif ukoll id-devjazzjonijiet tar-realizzazzjonijiet minn suppożizzjonijiet materjali.
- 1.52. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fejn fattibbli u xieraq, għandha tuża l-għodod ta' validazzjoni bħall-ittestjar tal-istress jew l-ittestjar tas-sensittività.
- 1.53. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tirrevedi s-suppożizzjonijiet magħżula, filwaqt li tiddependi minn esperti indipendenti interni jew esterni.
- 1.54. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiskopri l-okkorrenza taċ-ċirkostanzi li taħthom is-suppożizzjonijiet jiġu kkunsidrati foloz.

Kapitolu 5: Konsistenza metodoloġika

Linja gwida 21 – Punti ta' kontroll tal-konsistenza

- 1.55. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura l-konsistenza bejn il-metodi użati għall-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-metodi użati għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà.
- 1.56. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkontrolla l-konsistenza fil-fażijiet li ġejjin tal-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, f'każ li jkunu rilevanti għall-parti tal-mudell taħt kunsiderazzjoni:
 - a) il-konsistenza tat-tranżizzjoni mill-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà għall-mudell intern għall-fini tal-kalkoli tar-Rekwiżiti Kapitali ta' Solvibbiltà;
 - b) il-konsistenza tal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-mudell intern fid-data tal-valutazzjoni mal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà;
 - c) il-konsistenza tal-projezzjoni ta' fatturi ta' riskju u l-impatt tagħhom fuq il-valuri fi flus previsti mas-suppożizzjonijiet dwar dawk il-fatturi tar-riskju użati għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà;
 - d) il-konsistenza tar-rivalutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fl-aħħar tal-perjodu mal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà.

Linja gwida 22 – L-aspetti tal-konsistenza

- 1.57. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tivvaluta l-konsistenza, għandha tiegħu inkonsiderazzjoni mill-inqas dawn l-aspetti li ġejjin:
- il-konsistenza tat-tekniki attwarji u statistiċi applikati fil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà, u fil-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà;
 - il-konsistenza tad-data u tal-parametri li jintużaw bħala input għall-kalkoli rispettivi;
 - il-konsistenza tas-suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkoli rispettivi, b'mod partikolari suppożizzjonijiet dwar opzjonijiet kuntrattwali u garanziji finanzjarji, dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futuri u dwar beneficiċċji diskrezzjonarji futuri mistennija.

Linja gwida 23 – Il-valutazzjoni tal-konsistenza

- 1.58. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha twettaq valutazzjonijiet tal-konsistenza b'mod regolari fuq bażi kwantitattiva kull meta jkun possibbli u proporzjonat.
- 1.59. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fil-valutazzjoni tal-konsistenza tagħha, għandha:
- tidentifika u tiddokumenta kwalunkwe devjazzjoni bejn il-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà;
 - tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet, kemm waħedhom kif ukoll flimkien;
 - tiġġustifika li d-devjazzjonijiet ma jirriżultawx f'nuqqas ta' konsistenza bejn il-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji fil-karta tal-bilanċ għall-finijiet tas-solvibbiltà.

Kapitolu 6: Previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

Linja gwida 24 – Għarfien tal-profil tar-riskju

- 1.60. Biex tiżgura li s-sett ta' avvenimenti tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà sottostanti għall-mudell intern huwa eżawrjenti, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabilixxi proċessi li jippermettulha żżomm għarfien biżżejjed u attwali tal-profil tar-riskju tagħha.
- 1.61. B'mod partikolari, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipprowa żżomm l-għarfien tal-motivaturi tar-riskju u fatturi oħrajn li jispjegaw l-imġiba tal-varjabbli sottostanti għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, biex il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tkun tista' tirrifletti l-karatteristiċi kollha rilevanti tal-profil tar-riskju tagħha.

Linja gwida 25 – Ir-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.62. Meta tivvaluta l-adegwatezza tat-tekniki attwarji u statistiċi użati sabiex tikkalkula l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà [l-Artikolu 229 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni], l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-kapaċità tat-tekniki li jipproċessaw l-għarfien tal-profil tar-riskju bħala kriterju importanti.
- 1.63. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tagħżel tekniki li jiġġeneraw previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà rikka biżżejjed li tinkludi l-karatteristiċi rilevanti kollha tal-profil tar-riskju tagħha l-Artikolu 229(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u biex tappoġġja t-teħid tad-deċiżjonijiet l-Artikolu 226 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.64. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, skont l-Artikolu 229(g) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u bħala parti minn din il-valutazzjoni metodoloġika, għandha tikkunsidra l-affidabbiltà ta' quantiles avversi li jirriżultaw mill-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà.

Linja gwida 26 – Il-valutazzjoni tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.65. Biex jiformaw opinjoni skont il-Linja gwida 25, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw mill-inqas:
- il-profil tar-riskju tal-impriża u sa liema punt huwa rifless mill-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà;
 - il-progress attwali fix-xjenza attwarja u l-prattika tas-suq ġeneralment aċċettata l-Artikolu 229(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
 - fir-rigward tal-livell tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, kwalunkwe miżura li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabilixxi sabiex tiżgura l-konformità ma' kull test tal-mudell intern u l-istandards stipulati fl-Artikoli 120 sa 126 tas-Solvibbiltà II;
 - għal riskju partikolari li qed jiġi kkunsidrat, il-mod li bih it-tekniki magħżula u l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jinteraġixxu ma' riskji oħrajn fl-ambitu tal-mudell intern f'dak li jirrigwarda l-livell tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà l-Artikolu 232 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
 - in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskju kkunsidrat kif stipulat fl-Artikolu 29(3) tas-Solvibbiltà II.

Linja gwida 27 – L-arrikkiment tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.66. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-isforz biex tiġġenera previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà rikka ma jfixkilx l-

affidabbiltà tal-istima ta' quantiles avversi li jirriżultaw mill-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà.

- 1.67. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha toqgħod attenta li ma tintroduċix fil-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà rikkezza infondata li ma tirriflettix l-għarfien oriġinali tal-profil tar-riskju tagħha (ara wkoll il-Linja gwida 24).
- 1.68. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-metodoloġija segwita biex tarrikkixxi l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tikkonforma mal-istandards tal-kwalità tal-istatistika rigward il-metodi, is-suppożizzjonijiet u d-data l-Artikoli 229, 230 u 231 tal-Miżuri ta' Imploimentazzjoni. Meta dawn it-tekniki jkunu jinvolvu l-użu ta' ġudizzju espert, l-impriża għandha tikkunsidra l-linji gwida rilevanti dwar l-iffissar tas-suppożizzjonijiet u l-ġudizzju espert.

Kapitolu 7: Kalibrazzjoni - approssimazzjonijiet

Linja gwida 28 – L-għarfien tal-approssimazzjonijiet taħt il-kundizzjonijiet ta' telf estrem

- 1.69. Meta impriża tuża approssimazzjonijiet minflok ma tuża l-kejl tar-riskju ta' referenza direttament, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha ttipprova u tiġġustifika l-affidabbiltà tal-output ta' dawn l-approssimazzjonijiet maż-żmien u, taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem, skont il-profil tar-riskju tagħha.
- 1.70. B'mod partikolari, meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża formuli analitiċi magħluqa sabiex tikkalibra mill-ġdid ir-rekwiżit kapitali tagħha mill-kejl tar-riskju intern għal dak ta' referenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha turi li s-suppożizzjonijiet sottostanti għall-formuli huma realistiċi u huma wkoll validi taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem.

Linja gwida 29 – L-użu ta' varjabbli ieħor sottostanti

- 1.71. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jekk tuża l-varjazzjoni ta' varjabbli sottostanti differenti mill-fondi proprji bażiċi sabiex toħroġ il-valur tal-fondi proprji bażiċi għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà, għandha turi li:
 - a) hija kapaċi tirrikonċilja d-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi u l-varjabbli sottostanti $f't=0$;
 - b) hija tifhem id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi u l-varjabbli sottostanti fi kwalunkwe sitwazzjoni sa u inkluż $t=1$, b'mod speċjali taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem, skont il-profil tar-riskju tal-impriża.

Linja gwida 30 – Azzjonijiet ta' ġestjoni jekk jintuża perjodu ta' żmien itwal minn sena

- 1.72. Jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tagħżel fil-mudell intern tagħha perjodu ta' żmien itwal minn sena, l-impriża tal-assigurazzjoni jew

tar-riassigurazzjoni should take into account management actions in the context of the Rekwizit Kapitali ta' Solvibbiltà calculation, and should ensure that such management actions have effects on the balance sheet for solvibbiltà purposes between $t=0$ and $t=1$.

Chapter 8: Attribuzzjoni tal-profitt u t-telf

Linja gwida 31 – Definizzjoni ta' profitt u telf

- 1.73. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkonsidra l-profitt u t-telf bħala bidliet tul il-perjodu rilevanti:
- a) fil-fondi proprji bażiċi; jew
 - b) fl-ammonti ta' flus oħrajn użati fil-mudell intern sabiex tiddetermina bidliet fil-fondi proprji bażiċi, bħall-bidla attwali fir-riżorsi kapitali ekonomiċi.
- Għal dan il-għan l-attribuzzjoni ta' profitti u telf għandha teskludi movimenti attribwibbli għaż-żieda ta' fondi proprji addizzjonali, il-ħlas lura jew it-tifdija ta' dawk il-fondi u d-distribuzzjoni ta' fondi proprji.
- 1.74. Meta tuża varjabbli li mhuwiex il-fondi proprji bażiċi fil-mudell intern tagħha, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tuża dan il-varjabbli għall-finijiet ta' attribuzzjoni ta' profitti u telf.
- 1.75. L-impriża għandha tidentifika permezz tal-attribuzzjoni ta' profitti u telf kif il-bidliet fil-motivaturi tar-riskju jirrelataw mal-moviment fil-varjabbli sottostanti għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà.

Kapitolu 9: Validazzjoni

Linja gwida 32 – Politika ta' validazzjoni u rapport ta' validazzjoni

- 1.76. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabilixxi, timplimenta u żżomm politika ta' validazzjoni bil-miktub li mill-inqas tispeċifika:
- a) il-proċessi u l-metodi sabiex tivvalida l-mudell intern u l-finijiet tagħhom;
 - b) il-frekwenza ta' validazzjoni regolari għal kull parti tal-mudell intern u ċ-ċirkostanzi li joħolqu validazzjoni addizzjonali;
 - c) il-persuni li huma responsabbli għal kull kompitu ta' validazzjoni; u
 - d) il-proċedura li trid tiġi segwita f'każ li l-proċess ta' validazzjoni tal-mudell jidentifika problemi bl-affidabbiltà tal-mudell intern u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib.
- 1.77. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddokumenta f'rapport ta' validazzjoni r-riżultati tal-validazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-analiżi tal-validazzjoni.
- 1.78. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tinkludi fil-validazzjoni referenza għas-settijiet ta' data ta' validazzjoni kif imsemmi fil-Linja gwida 42 kif ukoll l-approvazzjoni mill-parteċipanti ewlenin fil-proċess.

Linja gwida 33 – L-ambitu u l-għan tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.79. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tispeċifika l-għan tal-validazzjoni, għandha tistabbilixxi b'mod ċar l-għan speċifiku tal-validazzjoni għal kull parti tal-mudell intern.
- 1.80. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkopri kemm l-aspetti kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi tal-mudell intern fl-ambitu tal-validazzjoni.
- 1.81. Meta tikkunsidra l-ambitu tal-validazzjoni, minbarra li tikkunsidra l-validazzjoni tad-diversi partijiet tal-mudell intern, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-validazzjoni sħiħa u b'mod partikolari l-adegwatezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà kkalkulata sabiex tassigura li l-livell ta' kapital regulatorju ma jiġix iddikjarat ħażin materjalment.

Linja gwida 34 – Il-materjalità fil-validazzjoni

- 1.82. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-materjalità tal-parti tal-mudell intern li qed ikun ivvalidat meta tuża l-materjalità sabiex tiddeċiedi dwar l-intensità tal-attivitajiet ta' validazzjoni.
- 1.83. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-materjalità tal-partijiet tal-mudell intern mhux biss waħedhom iżda wkoll flimkien meta tiddeċiedi dwar kif għandhom ikunu vvalidati kif xieraq.
- 1.84. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra l-ittestjar tas-sensittività meta tiddetermina l-materjalità fil-kuntest tal-validazzjoni.

Linja gwida 35 – Il-kwalità tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.85. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabbilixxi l-limitazzjonijiet kollha magħrufa tal-proċess ta' validazzjoni attwali.
- 1.86. Fejn ikun hemm limitazzjonijiet fir-rigward tal-validazzjoni ta' partijiet li huma koperti mill-proċess ta' validazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun konxja minnhom u tiddokumenta dawn il-limitazzjonijiet.
- 1.87. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-valutazzjoni tal-kwalità tal-proċess ta' validazzjoni tiddikjara b'mod espliċitu ċ-ċirkostanzi li taħthom il-validazzjoni hija ineffettiva.

Linja gwida 36 – Il-governanza tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.88. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkollha stabbilit governanza xierqa għall-komunikazzjoni u r-rapportar intern tar-riżultati tal-validazzjoni li twettaq.
- 1.89. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiffirma u tikkomunika fi ħdanha opinjoni ġenerali bbażata fuq is-sejbiett tal-proċess ta' validazzjoni.

- 1.90. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddefinixxi minn qabel il-kriterji li bihom tiddetermina jekk ir-riżultati, jew parti mir-riżultati, tal-validazzjoni, jeħtiġux li jiġu eskalati fi ħdan din l-impriża.
- 1.91. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-passaġġ tal-eskalazzjoni b'mod li l-proċess ta' validazzjoni jibqa' indipendenti mill-iżvilupp u t-tħaddim tal-mudell intern.

Linja gwida 37 – Rwoli fil-proċess ta' validazzjoni

- 1.92. Jekk xi partijiet minbarra l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju jikkontribwixxu għal kompiti speċifiċi fil-proċess ta' validazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tassigura li l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tissodisfa r-responsabbiltà ġenerali tagħha kif stipulat fl-Artikolu 44 tas-Solvibbiltà II u fl-Artikolu 269(2)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, inkluża r-responsabbiltà li tiżgura t-twettiq tad-diversi kompiti fil-proċess ta' validazzjoni.
- 1.93. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tispjega b'mod formali r-rwol ta' kull parti fil-proċess ta' validazzjoni definit.

Linja gwida 38 – L-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.94. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha turi li l-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju tagħha, biex tipprovdi sfida oġġettiva lill-mudell intern, tiżgura li l-proċess ta' validazzjoni jsir b'mod indipendenti mill-iżvilupp u t-tħaddim tal-mudell. Il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża għandha tassigura li l-kompiti ta' validazzjoni jkunu stabbiliti u mwettqa b'mod li joħloq u jżomm l-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 241(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.95. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddeċiedi dwar il-partijiet li jikkontribwixxu għall-kompiti relatati mal-proċess ta' validazzjoni, filwaqt li tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li tiffaċċja din l-impriża, il-funzjoni u l-ħiliet tal-persuni li jridu jkunu involuti u kif hija tassigura l-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni.

Linja gwida 39 – Speċifitàjiet tal-validazzjoni għall-mudelli interni tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.96. L-impriża parteċipi u l-impriżi relatati inklużi fl-applikazzjoni għall-użu tal-mudell intern tal-grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħhom, għandhom jistabbilixxu politika ta' validazzjoni waħda li tkopri l-proċess ta' validazzjoni kemm fil-livell tal-grupp kif ukoll fil-livell individwali.
- 1.97. L-impriża parteċipi u l-impriżi relatati għandhom ifasslu l-proċess ta' validazzjoni tal-mudell intern fil-kuntest tal-kalkolu kemm tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp ikkonsolidat kif ukoll tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-impriżi relatati inklużi fl-applikazzjoni għall-użu tal-mudell intern tal-grupp. L-impriża parteċipi u l-impriżi relatati għandhom jistabbilixxu din il-

konsiderazzjoni b'mod espliċitu fil-politika ta' validazzjoni stabbilita għall-mudell intern tal-grupp.

Linja gwida 40 – L-applikazzjoni ta' għodod ta' validazzjoni

- 1.98. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra li tuża għodod ta' validazzjoni kwantitattivi jew kwalitattivi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 242 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.99. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tifhem l-għodod ta' validazzjoni li tuża u tagħżel is-sett adattat ta' għodod ta' validazzjoni sabiex tiżgura proċess ta' validazzjoni effettiv. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin meta tagħżel għodod ta' validazzjoni:
- a) il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-għodod ta' validazzjoni;
 - b) in-natura: l-għodod ta' validazzjoni huma kwalitattivi, kwantitattivi jew taħlita tat-tnejn;
 - c) l-għarfien meħtieġ: il-firxa tal-għarfien meħtieġ mill-persuni li jwettqu l-validazzjoni;
 - d) l-informazzjoni meħtieġa: restrizzjonijiet potenzjali għall-ammont jew it-tip ta' informazzjoni disponibbli għall-validazzjoni esterna f'konfront ma' dik interna;
 - e) iċ-ċiklu ta' validazzjoni: l-għodod ta' validazzjoni rilevanti sabiex ikopru kull suppożizzjoni ewlenija magħmula fi stadji differenti tal-mudell intern mill-iżvilupp, sal-implimentazzjoni u sat-tħaddim.
- 1.100. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiddokumenta fir-rapport ta' validazzjoni liema partijiet tal-mudell intern qegħdin ikunu vvalidati minn kull waħda mill-għodod ta' validazzjoni użati u għalxiex dawn l-għodod ta' validazzjoni huma adattati għall-iskop partikolari billi tiddekrivi mill-inqas:
- a) il-materjalità tal-parti tal-mudell li qiegħda tiġi vvalidata;
 - b) il-livell li fih l-għodda hija applikata mir-riskji individwali, il-blokki tal-mudell, il-portafoll, l-unità tan-negozju sar-riżultati aggregati;
 - c) l-iskop ta' dan il-kompitu ta' validazzjoni;
 - d) l-eżitu mistenni mill-validazzjoni.

Linja gwida 41 – Testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji

- 1.101. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tuża testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji bħala parti mill-validazzjoni tal-mudell intern.
- 1.102. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li t-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarji li tuża jkopru r-riskji rilevanti u li jkunu mmonitorjati maż-żmien.

Linja gwida 42 – Settijiet ta' data ta' validazzjoni

1.103.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li d-data magħżula u l-ġudizzju espert użati fil-proċess ta' validazzjoni jippermettulha b'mod effettiv li tivvalida l-mudell intern taħt firxa wiesgħa ta' ċirkostanzi li sehnew fil-passat jew li jistgħu potenzjalment iseħħu fil-futur.

Kapitolu 10: Dokumentazzjoni

Linja gwida 43 – Proċeduri ta' kontroll tad-dokumentazzjoni

1.104.Biex tiżgura l-kwalità kontinwa tad-dokumentazzjoni skont l-Artikolu 243(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkollha stabbiliti mill-inqas:

- a) proċedura ta' kontroll effettiva għad-dokumentazzjoni tal-mudell intern;
- b) proċedura ta' kontroll tal-verżjonijiet għad-dokumentazzjoni tal-mudell intern;
- c) sistema ċara ta' referenzjar għad-dokumentazzjoni tal-mudell intern li għandha tintuża f'inventarju ta' dokumentazzjoni meħtieġ mill-Artikolu 244(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja gwida 44 – Id-dokumentazzjoni tal-metodoloġiji

1.105.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipproduċi dokumentazzjoni li hija dettaljata biżżejjed biex turi fehim dettaljat tal-metodoloġiji u t-tekniki użati fil-mudell intern, u li tinkludi mill-inqas:

- a) is-suppożizzjonijiet sottostanti;
- b) l-applikabbiltà ta' tali suppożizzjonijiet minħabba l-profil tar-riskju tal-impriża;
- c) kwalunkwe nuqqas tal-metodoloġija jew tat-teknika.

1.106.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tiddokumenta t-teorija, is-suppożizzjonijiet u l-bażi matematika u empirika sottostanti għal kwalunkwe metodoloġija użata fil-mudell intern, f'konformità mal-Artikolu 125(3) tas-Solvibbiltà II, għandha tinkludi, jekk ikunu disponibbli, il-passi materjali tal-iżvilupp tal-metodoloġija, kif ukoll kwalunkwe metodoloġija oħra li għet ikkunsidrata iżda li wara ma ntużatx mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Linja gwida 45 – Iċ-ċirkostanzi li fihom il-mudell intern ma jaħdimx b'mod effettiv

1.107.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tinkludi fid-dokumentazzjoni tagħha sommarju globali tan-nuqqasijiet materjali tal-mudell intern, ikkonsolidat f'dokument wieħed, li jkun jinkludi mill-inqas l-aspetti msemmija fl-Artikolu 245 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Linja gwida 46 – L-adeqwatezza tad-dokumentazzjoni lid-destinatarji

1.108. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra li jkollha dokumentazzjoni tal-mudell intern li tkun tikkonsisti f'aktar minn livell wieħed ta' dokumentazzjoni għall-mudell intern, skont l-użijiet differenti u l-udjenzi mmirati.

Linja gwida 47 – Manwali għall-utenti jew deskrizzjonijiet tal-proċessi

1.109. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkollha stabbiliti, bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-mudell intern, manwali għall-utenti jew deskrizzjonijiet tal-proċessi għat-tħaddim tal-mudell intern li għandhom ikunu dettaljati biżżejjed li jippermettu lil parti terza indipendenti u infurmata tħaddem u tuża l-mudell intern.

Linja gwida 48 – Id-dokumentazzjoni tal-output tal-mudell

1.110. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha żżomm, bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-mudell intern, l-outputs tal-mudell li huma rilevanti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 120 tas-Solvibbiltà II.

Linja gwida 49 – Id-dokumentazzjoni tas-software u l-pjattaformi tal-immudellar

1.111. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fid-dokumentazzjoni tagħha, għandha tipprovdi informazzjoni dwar is-software, il-pjattaformi tal-immudellar u s-sistemi ta' hardware użati fil-mudell intern.

1.112. Meta tuża software, pjattaformi tal-immudellar u sistemi ta' hardware, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipprovdi fid-dokumentazzjoni informazzjoni suffiċjenti biex tkun tista' tivvaluta u tiġġustifika l-użu tagħhom, u tippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw l-adeqwatezza tagħhom.

Kapitolu 11: Mudelli u data esterni

Linja gwida 50 – Data esterna

1.113. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, minħabba n-natura tad-data esterna, għandha tkun kapaċi turi livell xieraq ta' fehim tal-ispeċifitàjiet tad-data esterna użata fil-mudell intern filwaqt li tinkludi kwalunkwe tibdil materjali, aġġornament tal-iskali, staġjonalità u kwalunkwe pproċessar ieħor inerenti fid-data esterna.

1.114. B'mod partikolari, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha mill-inqas:

- a) tifhem l-attributi u l-limitazzjonijiet jew partikularitajiet oħrajn tad-data esterna;
- b) tiżviluppa proċessi għall-identifikar ta' kwalunkwe data esterna nieqsa u limitazzjonijiet oħrajn;

- c) tifhem l-approssimazzjonijiet u l-ipproċessar magħmul għal data esterna nieqsa jew mhux affidabbli;
- d) tiżviluppa proċessi biex twettaq kontrolli ta' konsistenza f'waqthom u tinkludi paraguni ma' sorsi rilevanti oħrajn diment li jkun hemm data raġonevolment disponibbli.

Linja gwida 51 – Il-fehim tal-mudell estern

- 1.115.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun kapaċi turi li l-partijiet kollha involuti fl-użu tal-mudell estern għandhom fehim dettaljat biżżejjed tal-partijiet tal-mudell estern rilevanti għalihom inklużi suppożizzjonijiet u aspetti tekniċi u operattivi.
- 1.116.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti tal-mudell estern li huma aktar rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha.

Linja gwida 52 – Ir-rieżami tal-għażla tal-mudell u tad-data esterni

- 1.117.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tirrieżamina minn żmien għal żmien il-ġustifikazzjoni tagħha li tagħżel mudell estern partikolari jew sett ta' data esterna.
- 1.118.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun sodisfatta li mhijiex qiegħda tiddependi żżejjed minn fornitur wieħed biss u għandu jkollha stabbiliti pjanijiet biex ittaffi l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas min-naħa tal-fornitur.
- 1.119.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tinnota kwalunkwe aġġornament tal-mudell estern jew tad-data li jippermetti lill-impriża tivvaluta aħjar ir-riskji tagħha.

Linja gwida 53 – L-integrazzjoni tal-mudelli esterni fil-qafas tal-mudell intern

- 1.120.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun kapaċi turi li l-approċċ għall-inkorporazzjoni tal-mudell estern fil-qafas tal-mudell intern huwa adattat; inklużi t-tekniki, id-data, il-parametri, is-suppożizzjonijiet magħżula mill-impriża u l-outputs tal-mudell estern.

Linja gwida 54 – Il-validazzjoni fil-kuntest tal-mudelli u d-data esterni

- 1.121.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha twettaq il-validazzjoni tagħha stess tal-aspetti tal-mudell estern li huma rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha u tal-proċess għall-inkorporazzjoni tal-mudell u tad-data esterni fil-proċessi u fil-mudell intern tagħha stess.
- 1.122.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tivvaluta l-adeqwatezza tal-għażla jew in-nuqqas ta' għażla tal-karatteristiċi jew l-għażliet li huma disponibbli għall-mudell estern.

1.123. Bħala parti mill-validazzjoni l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tikkunsidra informazzjoni xierqa u b'mod partikolari l-analiżi mwettqa mill-bejjiegħ jew minn parti terza oħra, u, meta tagħmel dan, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura mill-inqas li:

- a) l-indipendenza tal-validazzjoni mhijiex kompromessa;
- b) hija konsistenti mal-proċess ta' validazzjoni li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistipula u li hija stabbilita b'mod ċar fil-politika ta' validazzjoni;
- c) kwalunkwe preġudizzju impliċitu jew espliċitu fl-analiżi mwettqa mill-bejjiegħ jew minn parti terza oħra jiġi kkunsidrat.

Linja gwida 55 – Id-dokumentazzjoni fil-kuntest ta' mudelli u data esterni

1.124. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li d-dokumentazzjoni tal-mudelli u d-data esterni tissodisfa l-istandards ta' dokumentazzjoni.

1.125. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipproduċi dokumentazzjoni fuq mill-inqas dan li ġej:

- a) l-aspetti tal-mudell estern u tad-data esterna li huma rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha;
- b) l-integrazzjoni tal-mudell estern u tad-data esterna fil-proċessi u fil-mudell intern proprji;
- c) l-integrazzjoni ta' data, b'mod partikolari inputs, għall-mudell estern, jew outputs mill-mudell estern, fil-proċessi u fil-mudell intern proprji;
- d) id-data esterna użata fil-mudell intern u s-sors u l-użu tagħha.

1.126. Jekk, bħala parti mid-dokumentazzjoni tagħha stess, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni timxi fuq id-dokumentazzjoni prodotta mill-bejjiegħa u mill-fornituri tas-servizz, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiżgura li l-kapaċità tagħha li tissodisfa l-istandards tad-dokumentazzjoni ma tkunx kompromessa.

Linja gwida 56 – Ir-responsabbiltà tal-impriża fil-kuntest ta' mudelli u data esterni

1.127. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha żżomm ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-obbligi tagħha relatati mal-mudell intern tagħha u għar-rwol tal-mudell estern jew tad-data esterna fil-mudell intern u kwalunkwe rekwiżit ieħor.

Linja gwida 57 – Ir-rwol tal-fornituri tas-servizz meta jintużaw mudelli u data esterni

1.128. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabbilixxi ftehim ta' esternalizzazzjoni meta tagħżel li ma tħaddimx direttament il-mudell estern.

- 1.129. Bl-istess mod, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tistabbilixxi ftehim ta' esternalizzazzjoni meta tagħżel li tqabbad fornitur tas-servizz iwettaq xi kompiti relatati mad-data esterna.
- 1.130. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha, meta tistabbilixxi ftehim ta' esternalizzazzjoni, tikkonforma mar-rekwiżiti mill-Artikolu 49 tas-Solvibbiltà II u l-Artikolu 274 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

Kapitolu 12: Mudelli interni għall-gruppi – Il-funzjonament tal-kulleġġi

Linja gwida 58 – L-ivvalutar tal-ambitu tal-mudell intern

- 1.131. Meta jivvaluta l-adeqwatezza tal-ambitu tal-mudell intern, is-superviżur tal-grupp, l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti kif definiti fl-Artikolu 343(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni u awtoritajiet superviżorji oħrajn identifikati mill-kulleġġ skont l-Artikolu 344(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandhom jikkunsidraw mill-inqas:
- is-sinifikat tal-impriżi relatati fi ħdan il-grupp fir-rigward tal-profil tar-riskju tal-grupp;
 - il-profil tar-riskju ta' impriżi relatati fi ħdan il-grupp meta mqabbel mal-profil tar-riskju tal-grupp globali;
 - jekk japplika, pjan tranżizzjonali mill-grupp sabiex jestendi l-ambitu tal-mudell fi stadju aktar tard u ż-żmien biex jagħmel dan;
 - l-adeqwatezza tal-formula standard jew mudell intern ieħor approvat jew fil-proċess li jiġi approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni assoċjata inkluża fl-ambitu tal-mudell intern;
 - l-adeqwatezza tal-formula standard jew mudell intern ieħor approvat jew fil-proċess li jiġi approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni assoċjata fi ħdan il-grupp iżda mhux inkluża fl-ambitu tal-mudell intern għall-grupp.
- 1.132. Meta jivvalutaw l-adeqwatezza tal-esklużjoni ta' impriżi relatati fi ħdan il-grupp mill-ambitu tal-mudell intern, l-awtoritajiet superviżorji msemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom jivvalutaw jekk l-esklużjoni tal-impriżi tistax twassal għal:
- allokazzjoni mhux xierqa tal-fondi proprji bbażata fuq Rekwiżiti Kapitali ta' Solvibbiltà ta' impriżi individwali minflok fuq il-kontribuzzjoni proprja għall-profil tar-riskju tal-grupp ;
 - inkonsistenzi li jinħolqu mill-użu tal-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp u l-użu tal-formula standard jew mudell intern differenti, approvat jew fil-proċess li jiġi approvat, minn xi impriża relatata fi ħdan il-grupp sabiex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tagħha;
 - dgħufijiet fil-ġestjoni tar-riskju tal-grupp u l-impriżi relatati fi ħdan il-grupp li jirriżultaw mill-ambitu limitat tal-mudell intern; jew

- d) Rekwiżit Kapitali ta' Solvibbiltà tal-grupp mhux adegwat f'dak li jirrigwarda l-profil tar-riskju tal-grupp.

Linja gwida 59 – Pjan ta' ħidma tal-mudell intern għall-proċess ta' valutazzjoni u approvazzjoni tal-mudelli interni għall-gruppi

- 1.133. Is-superviżur tal-grupp, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti, għandu jistabbilixxi pjan ta' ħidma tal-mudell intern u r-regoli ta' komunikazzjoni li għandhom ikunu segwiti fost dawn l-awtoritajiet waqt il-proċess ta' valutazzjoni u approvazzjoni tal-mudelli interni għall-gruppi.
- 1.134. Meta jkun xieraq, is-superviżur tal-grupp, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti, għandu jaġġorna l-pjan ta' ħidma tal-mudell intern.
- 1.135. B'rabta mal-valutazzjoni tal-mudell intern, is-superviżur tal-grupp għandu jiżgura li l-pjan ta' ħidma tal-mudell intern ikopri l-kronoloġija, il-passi ewlenin u r-riżultati għal din il-valutazzjoni. Fil-każ ta' mudell intern ta' grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati għandhom jikkunsidraw li jinkludu fil-pjan ta' ħidma tal-mudell intern dispożizzjonijiet speċifiċi bejniethom. Is-superviżur tal-grupp għandu jiżgura li l-pjan ta' ħidma tal-mudell intern, mill-inqas:
- a) jistabbilixxi meta u kif għandu jikkonsulta u jinvolvi fil-valutazzjoni l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti u msemmija fl-Artikolu 343(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
 - b) jistabbilixxi meta u kif għandu jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn fi ħdan il-kulleġġ tas-superviżuri msemmija fl-Artikolu 344(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jipparteċipaw fil-valutazzjoni;
 - c) jidentifika l-prijoritajiet għall-valutazzjoni, filwaqt li jikkunsidra l-ambitu tal-mudell intern, l-ispeċifitàjiet ta' kull impriża relatata fi ħdan il-grupp, il-profil tar-riskju tal-grupp u tal-impriżi relatati fi ħdan il-grupp, u l-informazzjoni disponibbli u rilevanti dwar il-mudell intern;
 - d) jistabbilixxi meta u kif għandu jirrapporta l-eżiti tal-valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet superviżorji involuti lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti.
- 1.136. Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern ta' grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati, għandu jiżgura li l-pjan ta' ħidma tal-mudell intern ikopri l-kronoloġija għall-passi u r-riżultati kollha biex tintlaħaq deċiżjoni konġunta kif stipulat fl-Istandard Tekniku ta' Implimentazzjoni tal-EIOPA dwar il-Proċess biex Tintlaħaq Deċiżjoni Konġunta għall-Mudelli Interni tal-Gruppi.

Linja gwida 60 – Tħassib dwar il-proċess

- 1.137. Kull meta awtorità superviżorja involuta tidentifika punt sostanzjali ta' tħassib rigward il-proċess ta' approvazzjoni, din għandha taqsam it-tħassib tagħha

mas-superviżur tal-grupp u mal-awtoritajiet l-oħrajn involuti malli dan ikun possibbli.

Linja gwida 61 – Eżaminazzjonijiet konġunti fuq il-post li jsiru waqt il-valutazzjoni tal-mudelli interni għall-gruppi

- 1.138. Is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti għandhom ikunu jistgħu jitolbu u jiddiskutu meta u kif jorganizzaw eżaminazzjonijiet konġunti fuq il-post sabiex jivverifikaw kwalunkwe informazzjoni rigward il-valutazzjoni ta' mudell intern għal grupp, bl-għan li jassiguraw l-effettività tal-proċess.
- 1.139. L-awtoritajiet superviżorji li jitolbu eżaminazzjoni konġunta fuq il-post għandhom jinformat lis-superviżur tal-grupp billi jindikaw l-ambitu u l-iskop ta' din l-eżaminazzjoni, filwaqt li jikkunsidraw l-għanijiet ta' din l-eżaminazzjoni b'konnessjoni mal-valutazzjoni kif definita mill-awtoritajiet superviżorji involuti.
- 1.140. Is-superviżur tal-grupp imbagħad għandu jinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti, lill-EIOPA, u, fejn ikun rilevanti, lil membri oħrajn u parteċipanti fil-kulleġġ li jistgħu jkunu affettwati jew interessati li jipparteċipaw fl-eżitu tal-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post.
- 1.141. Ladarba l-awtoritajiet superviżorji li jkunu sejrin jipparteċipaw fl-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post ikunu ġew identifikati, dawn għandhom jiddiskutu u jiftiehem l-ambitu, l-iskop, l-istruttura u l-allokazzjoni tal-kompiti finali tal-eżaminazzjoni fuq il-post, inkluż min ser ikun qed imexxi l-eżaminazzjoni fuq il-post.
- 1.142. Is-superviżur tal-grupp għandu jinżamm informat dwar il-progress u s-sejbiet tal-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post.
- 1.143. L-awtorità superviżorja li tkun qiegħda tmexxi l-eżaminazzjoni fuq il-post, jekk tkun differenti mis-superviżur tal-grupp, għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti lis-superviżur tal-grupp. Is-superviżur tal-grupp għandu jagħmel id-dokumentazzjoni rilevanti disponibbli għall-awtoritajiet superviżorji involuti, għall-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn li jkunu qiegħdin jipparteċipaw fl-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post u għall-EIOPA. Is-superviżur tal-grupp għandu jagħti lill-membri l-oħrajn u lill-partiċipanti tal-kulleġġ lista tad-dokumentazzjoni rilevanti riċevuta u jagħtihom id-dokumenti meta dawn jitolbuhom speċifikament.
- 1.144. Fuq il-bażi ta' rapport li jiddikjara s-sejbiet ewlenin tal-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post, l-awtorità superviżorja li tkun qiegħda tmexxi l-eżaminazzjoni fuq il-post għandha tiddiskuti mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti l-eżitu tal-eżaminazzjoni konġunta fuq il-post u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu.
- 1.145. Is-superviżur tal-grupp għandu jinnotifika lill-membri l-oħrajn u lill-partiċipanti tal-kulleġġ dwar l-eżitu u l-azzjonijiet bħala parti mill-komunikazzjoni miftiehma fi ħdan il-kulleġġ.

Linja gwida 62 – Il-kondiviżjoni tar-rieżamijiet tal-mudelli interni għall-gruppi

- 1.146. L-awtoritajiet superviżorji involuti għandhom jikkondividu u jiddiskutu s-sejbiet ewlenin tal-attivitajiet tagħhom fuq il-post u barra l-post relatati mal-mudell intern mas-superviżur tal-grupp u mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti.
- 1.147. L-awtoritajiet superviżorji involuti għandhom jikkondividu l-approċċ li qegħdin isegwu fir-rieżami tal-elementi tal-mudell intern mas-superviżur tal-grupp u mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti.
- 1.148. Jekk, bħala riżultat ta' din il-kondiviżjoni, l-awtoritajiet superviżorji involuti jidentifikaw differenzi sostanzjali fl-approċċi segwiti, dawn għandhom jiddiskutu u jaqblu dwar proċess sabiex jiżviluppaw approċċi konsistenti meta jikkunsidraw li huwa xieraq li jkollhom dan l-allinjament.
- 1.149. Meta jqisu li jkun xieraq, l-awtoritajiet superviżorji involuti għandhom jikkunsidraw jikkondividu l-għodda u t-tekniki li jkunu qegħdin jużaw għar-rieżami tal-elementi tal-mudell intern mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti.

Linja gwida 63 – L-involviment ta' awtoritajiet superviżorji minn pajjiżi terzi waqt il-valutazzjoni tal-mudelli interni għall-gruppi

- 1.150. Is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti għandhom jiddeċiedu jekk għandhomx jikkonsultaw ma' awtoritajiet superviżorji minn pajjiżi terzi u ma' liema awtorità.
- 1.151. Qabel ma jikkonsulta mal-awtorità superviżorja minn pajjiżi terzi, is-superviżur tal-grupp, bl-appoġġ tal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn involuti, għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-ġurisdizzjoni li fiha tinsab l-awtorità superviżorja tal-pajjiżi terzi huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jirriżultaw mis-Solvibbiltà II.

Linja gwida 64 – Il-valutazzjoni ta' bidliet kbar fil-mudelli interni tal-gruppi taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II

- 1.152. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' bidla kbira fil-mudell intern ta' grupp taħt l-Artikolu 231 tas-Solvibbiltà II, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati għandhom jiddeċiedu jekk jiddelegawx il-valutazzjoni tal-bidliet fil-livell ta' imprezza relatata lill-awtorità superviżorja rilevanti kkonċernata.

Regoli ta' Konformità u ta' Rapportar

- 1.153. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EIOPA. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.

- 1.154. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li għandhom l-intenzjoni jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.155. L-awtoritajiet kompetenti jridu jikkonfermaw lill-EIOPA jekk humiex konformi jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nonkonformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.156. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu li mhumiex konformi mar-rapportar u rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni finali dwar ir-Rieżamijiet

- 1.157. Dawn il-Linji Gwida se jrin ikunu soġġetti għal Rieżami mill-EIOPA.